**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Jannar, 2021**

Numru 20

**Rikors Guramentat Nru. 784/2019**

**Terry Muscat**

**vs**

**Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-12 ta’ Awwissu, 2017 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Dicembru 2018 (Dokument TM1) l-esponenti ghamel talba ndirizzata lil Espedito Grech. fl-Ufficcju tal-Prim Ministru jitlob li jigi re-integrat lura fis-servizz pubbliku wara li huwa kien gie misjub hati b'sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Dokument TM2) ghall-liema huwa fis-sebgha ta' Frar 2019 rcieva ittra minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru (Re-Employment and Re-Instatement Committee) li fiha huwa gie infurmat li t-talba minnu mresqa ma gietx accettat.

2. Illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2019 (Dokument TM3) l-esponent ressaq talba ghal appell lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku sabiex d-decizjoni imsemmija fl-ittra tas-7 ta, Frar 2017 tigi revokata u fl-istess appell huwa talab espressament li jinghata l-fakulta li jidher quddiem l-istess Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku biex jittratta ahjar l-kaz.

3. Illi minghajr ebda notifika ohra fl-14 ta'Marzu 2019 (Dokument TM4) huwa rcieva ittra fejn l-Kummissjoni dehrilha li fic-cirkos anzr kollha tal-kaz id-decizjoni tal-Kumitat kienet wahda gusta u ghalhekk cahdet l-appell minnu mressaq.

4. Illi fil-process li wassal ghal din id-decizjoni, l-esponenti ma inghatax l-opportunita sabiex jiddefendi lilu nnifsu minkejja li kjarament oggezzjona ghaliha u talab li jesponi b'trattazzjoni quddiem l-imsemmija u dan sehh bi pregudizzju ghad-dritt ghal smigh xieraq , u li ghalhekk wassal ghall-ksur tal-principju guridiku ta' audi alteram partem.

5. Illi l-esponenti ppresenta fl-14 ta' Gunju 2019 rikors kostituzzjonali fl-ismijiet (Rik. Kost. 98/2019GM) Terry Muscat (K.I. 543971M) vs Avukat Generari u Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku f'liema proceduri gie sollevat li permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet Rosaria Borg Busuttil vs Onor. prim Ministru et gie deciz li huwa rimedju ordinarju li ghandu jigi segwit f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Raguni.
6. Illi l-esponenti ma ghandux ebda rimedju iehor salv li jirrikorri quddiem dawn l-Qrati.

Talbiet
Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti
1. tiddikjara u tiddeciedi li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitolu Tnax tal-Ligijiet ta' Malta senjatament u partikolarment li l-intimati vjolaw l-principji tal-gustizzja naturali taht is-subartikolu A(1)(ii)

2. thassar u tirrevoka konsegwentement d-decizjoni mehuda mill-imsemmija intimati li giet notifikata lill-esponenti permezz ta' ittra datata 14 ta' Marzu 2019.

3. tordna li l-imsemmija intimati jigu kundannati biex jisimghu mill-gdid il-kaz tal-esponenti kif talab fl-ittra tieghu datata 14 ta' Frar 2019.

Bl-ispeiiez u b'riserva ghal dawk tar-rikors kostituzzjonali Rik. Kost. 98/2019GM kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni hija mankanti minn fondament guridiku u tmur espressament kontra dak li huwa stipulat fl-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni billi hija diretta sabiex tissindaka allegat agir maghmul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta l-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din mhuwiex sindakabbli;

2. Illi frl-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn minnha illi jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrespingi l-allegazzjoruliet kollha tar-rikorrenti u dan peress li hija dejjem aggixxiet skont id-dettami tal-ligi u entro l-parametri tal-istess ligi u regolamenti vigenti kif ukoll dejjem osservat l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil taghha u fid-deliberazzjonijiet maghmula minnha qabel dwar dak l-eghmil;

4. Illi l-principju tal-audi alteram partem ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema' oralment, izda jfisser li tinghata l-opportunita tressaq il-kaz taghha. Hekk gara fl-kaz odjern, ir-rikorrenti appella u ta r-ragunijiet dettaljati tieghu bil-miktub fl-istess appell bil-konsegwenza li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li r-rikorrenti sofra xi ksur tal-principju audi alteram partem.
Illi huwa principju assodat li fil-livell ta' appell u cioe ta' revizjoni fejn mhuwiex koncess li jinstemghu provi godda izda l-iskrutinju huwa limitat sabiex jigi deciz jekk revizjoni tas-sentenza appellata hijiex gustifikata, l-ghoti ta’ udjenza orali jista' jigi ristrett u dan stante li l-funzjoni ta’ qorti jew entita ta' revizjoni hija cirkoskritta sabiex tistharreg abbazzi ta’ dak li jkun sar fl-ewwel process, id-decizjoni li tkun inghatat kif ukoll l-aggravji u cioe r-ragunijiet ghalfen fil-fehma tal-appellant ghandha tintlaqa’ talba ta' revizjoni.
Illi l-fatt li udjenza orali ma tinghatax bl-ebda mod ma jfisser li jkunu gew vjolati l-principji ta’ gustizzja naturali u dan stante mill-ezami tal-appell li ghamel ir-rikorrenti jirrizulta ampjament lis-sottomissjonijet u l-aggravji tar-rikorrenti huma spjegati b’mod mirqum fit-talba tieghu tal-appell u meta wiehed jikkunsidra dan fil-kwadru li qoti ta’ revizjoni hija prekluza milli tisma' provi godda jwassal ghall-konsegwenza naturali li fl-ebda waqt ma jista' jinghad li b'xi mod gew miksura jew vjolati l-principji ta’ gustizzja naturali kif allegat mir-rikorrenti. Ghall-kuntrarju, l-aggravji tar-rikorrenti gew kunsidrati funditus mill-Kummissjoni esponenti tant hu hekk li d-decizjoni tal-Kummissjoni tikkontjeni l-motivazzjoni li wasluha ghad-decizjoni u li anke minn qari superficjali tal-istess jirrizulta li l-Kummissjoni ikkunsidrat dak kollu li tqajjem fl-appell tar-rikorrenti u ndirizza l-aggravji kollha hekk imqajjma minnu;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ta’ stharrig gudizjarju ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12. Fil-qosor l-attur qed jilmenta li ma nghatax fair hearing u inkiser id-dritt tal-audi alteram partem billi ma thalliex jiddefendi lilu infisu quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku billi fl-appell li ressaq quddiemhom mid-decizjoni tal-Ufficju tal-Prim Miniistru (re-Employment and Re-Instatement Committee) ma thalliex li jaghmel trattazzjoni orali nonostante talba tieghu ghal dan il-ghan.

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza kienu s-segwenti. L-attur kien gie sospiz mill-impjieg tieghu fl-2012 wara li gie mixli fil-Qorti b’pussess u traffikar tad-droga. Wara li

instab hati tal-akkuzi kien gie ikkundannat ghal 21 xahar habs effettiv, liema kundanna giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fl-2017 il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ikkunsidrat li l-attur kellu jitkecca mil-impjieg. Wara li nghata l-opportunita biex jaghmel is-sottomissjonijet tieghu, il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku irrikmandat lil Prim Ministru li l-attur jitkecca u din ir-rakkomandazzjoni giet accettata mil-Prim Ministru fil-11 ta' Mejju 2017. F'Dicembru 2018 l-attur talab li jigi reintegrat fis-servizz pubbliku u dan skont procedura quddiem ir-Re-Employment and Re-Instatement Committee u fis-7 ta' Frar 2019 gie infurmat li t-talba tieghu ma gietx milqugha skont paragrafu 6.15.1(i)(b) tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures li tispecifika li persuni misjuba hatja fost l-ohrajn ta' traffikar ta' droga ma jigux kunsidrati ghal re-integrazzjoni fis-servizz pubbliku. F'din id-decizjoni gie konsultat ukoll il-Ministru tal-Intern fejn kien qabel impjegat l-attur li wera li ma kienx tal-fehma li jigi reintegrat. L-attur appella minn din id-decizjoni quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku fl-14 ta' Frar 2019. Il-Kummissjoni intalbet mil-avukat tal-attur li tisma sottomissjonijiet verbali. Pero l-Kummissjoni wara li talbet il-veduti tar-Re-Employment Committee ma dehrilhiex li kien hemm htiega ta' dan peress li l-Manual fuq imsemmi kien car u skjett fuq kwistjoni bhal din u persuna misjuba hatja ta' traffikar ta' droga ma jistax jigi kunsidrat ghal reintegrazzjoni.

Il-Kummissjoni laqghet ghal din il-kawza billi preliminarjament sostniet li l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni teskludi sindakabilita tal-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din. Fil-mertu tishaq li hi agixxiet skont il-parametri tal-ligi. L-attur kellu d-dritt li jaghmel appell bil-miktub kif fil-fatt ghamel pero ma hemm ebda dritt li jinstema oralment ukoll. Il-Kummissjoni bhala organu revizur f'dan il-kaz ma tismax provi godda izd tqis jekk id-decizjoni appellata hiex gustifikata.

Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil dwar il-fatti. In-nuqqas ta' qbil jikkonsisti biss fl-allegazzjoni maghmula mil-attur, pern uniku u centrali f'din il-kawza, li ma thalliex jaghmel sottomissjonijiet orali fl-appell quddiem il-Kummissjoni u skont l-attur dan nehhielu d-dritt li jiddefendi ruhu u ghalhekk sehhet vjolazzjoni ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii).

**Eccezzjoni tal-konvenuta li l-agir tal-Kummissjoni mhix sindikabbli a bazi tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni**

Dan l-artikolu jghid hekk:

> 115. Il-kwistjoni jekk –
> (a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;
> (b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorità ohra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorità bis-sahha taddisposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew
> (c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorità ohra tkunx qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,
> ma ghandhiex tigi ezaminata minn ebda qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Nutar Marilena Cristina noe vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**, (App 29/11/2019) li segwiet diversi sentenzi precedenti fuq il-materja fejn jinghad testwalment u ghar-ragunijiet hemm imsemmija illi

> Illi dawn il-konsiderazzjonijiet jghoddu wkoll b'mod izjed partikolari f'dan il-kaz fejn l-istharrig qieghed jintalab li jsir fir-rigward tal-KSP li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, m'hijiex suggetta ghall-ezami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni (Art. 115(a) tal-Kostituzzjoni). Xieraq jinghad, izda, li l-istess Kummissjoni mhijiex ghal kollox mehlusa mill-istharrig gudizzjarju f'certi kazijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem (Ara, b'ezempju, Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et, Kost. 21.1.1985 Kollez. Vol: LXIX.i.1), u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriz gudizzjarju fic-cirkostanzi mahsuba fl-artikolu 469A(1)(b). (Ara, b'ezempju, Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et, App. 27.6.2008; Ivan Portelli vs Il-Prim Ministru et, App. 6.9.2010; Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et, Kost. 17.9.2013).

Fil-dawl tal-kazistika pacifika f'din il-materja u tenut kont tal-ilment li ma nghatax smigh xieraq l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni tal-konvenuta li ma kisret ebda principju ta' gustizzja naturali**

L-ilment tal-attur hu limitat ghall-appell li sar quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku wara li t-talba tieghu ghal reemployment/reinstatement fis-servizz pubbliku in segwitu ghat-tkeccija tieghu mis-servizz giet michuda mil-Kumitat appuntat mill-

ufficcju tal-Prim Miinistru appozitament ghal dan l-iskop. Il-lanjanza tieghu hi specifika cioe li ma nghatax dritt li jaghmel sottomissjonijiet orali quddiem il-Kummissjoni u ghalhekk inkiser id-dritt tieghu ta' audi alteram partem.

Il-Qorti tirreferi ghal Public Service Management Code u l-manwali mahruga tahtu li skont id-Direttiva I tal-5 ta' Marzu 2010 u l-emenda ghaliha fit-3 ta' Novembru 2016, il-manwali tqiesu bhala direttivi fihom infushom. Id-Direttivi jorbtu l-ufficjali pubblici kollha u l-PSMC hu enforzabbli in forza tal-artikolu 15(2) tal-Public Administration Act.

Maghdud dan il-Qorti tqis il-manwal specifiku li wassal ghal din il-vertenza cioe l-Manual on Resourcing Policies and Procedures bhala l-fonti li minnu trid tigi kunsidrata in primis il-kwistjoni odjerna. Hu stabbilit illi l-Kumitat li ha d-decizjoni li tichad it-talba tal-attur ghal reintegrazzjoni kien car fid-decizjoni tieghu komunikata lil attur cioe illi l-artikolu 6.15(1)(b) tal-Manual kien jeskludi reintegrazzjoni f'kaz ta' persuna misjuba hatja ta' reat ta' traffikar ta' drogi. Din l-istess raguni kienet li xprunat lil Kummissjoni li tichad l-appell tal-attur.

L-attur isostni li nonostante dan id-divjet, kellu d-dritt michud lilu li jaghmel trattazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-attur li l-fatt li ma giex moghti lilu fakulta (mhux dritt) li jitratta l-appell oralment, gie michud lilu d-dritt ta' smigh cioe audi alteram partem. Hu inghata, skont il-manwal fuq riferit, id-dritt li jappella. L-istess manwal ma jimponi ebda obbligu ta' smigh orali ta' appell. L-artikolu 6.2.5. jghid biss li persuna ghandha dritt tappella fi zmien ghaxart ijiem quddiem il-PSC mid-decizjoni tal-Kumitat u illi testwalment 'The PSC shall deal with the appeal at its own discretion and on the merits of the particular case'.

Issa hu minnu illi l-PSC trid xorta tadopera l-principji ta' gustizzja naturali fl-operat taghha pero dan ma jfissirx li n-nuqqas ta' permess ta' trattazzjoni orali mehuda wahedha tnaqqas jew tnehhi d-dritt tal-attur li jinstema. Kif jghidu **Wade and Forsyth**, *Administrative Law* (Oxford University Press, 11th Ed p 421) dwar il-principju ta' fair hearing:

> it must be a flexible principle. The judges, anxious as always to preseve some freedom of manoevre, emphasise that 'it is not possible to lay down

> rigid rules as to when the princples of natural justice are to apply: nor as to their scope and extent. Everything depends on the subject-matter.' Their application, resting as it does upon statutory implication, must always be in conformity with the scheme of the Act and with the subject-matter of the case. 'In the application of the concept of fair play there must be real flexibility.' There must also have been some real prejudice to the complainant: there is no such thing as a merely technical infringement of natural justice.

Kif intqal fis-sentenza **A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (PA Kost 14/10/2004), kien ipprecizat li

> ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha.

F'dan il-kaz jirrizulta b'mod car lil Qorti illi l-attur ressaq l-appell tieghu lil Kummissjoni minghajr ma irribatta r-regoli li bihom kien marbut il-Kumitat li ta d-decizjoni ta' rifjut ta' riintegrazzjoni li kienu jeskludi b'mod assolut bla ebda eccezzjoni riintegrazzjoni wara sejbien ta' htija ta' traffikar ta' drogi (regola 6.15.1 tal-Manual on Resourcing). Din kienet ir-raguni li ghaliha l-Kumitat u wara l-PSC hadu d-decizjoni li hadu u fejn il-PSC dehrilha li mir-ragunijiet imsemmija fl-appell innifsu ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex l-appellant kellu jinghata l-fakolta ta' trattazzjoni orali. Il-PSC kellu d-diskrezzjoni f'din il-kwistjoni, diskrezzjoni li fil-fehma tal-Qorti kienet uzata skont il-ligi u b'mod ragonevoli u proporzjonat. Ebda dritt ta' smigh xieraq ma gie mittiefes lil attur f'dawn ic-cirkostanzi fejn il-fatti bl-ebda mod ma gew michuda. In oltre l-attur innifsu anqas ressaq ebda prova ghaliex kien qed jinsisti li kellu dritt ghal trattazzjoni orali.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li l-operat tal-Kummissjoni mhux sindikabbli ai termini tal-artikolu 115 tal-Kostituzzoni, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur